Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-8 ta' Jannar 2024**

**Kawza Numru 50/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nico Zarb)**

**Versus**

**Amanda Borg Manduca**
**(430990M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Amanda Borg Cardona**, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 430990M;

Akkuzata talli fil-Hamrun nhar is-6 ta' Jannar tas-sena 2024 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija fil-Hamrun u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Kif ukoll fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi naqset li tidher ghall-ordni tal-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew naqset li tosserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest, jew inhbiet jew telqet minn Malta, jew waqt li kienet mehlusa mill-arrest ikkommettiet delitt li ma kienx wiehed ta' natura involontarja, jew interferixxiet, jew ippruvat tinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor intralcjat jew ipprovat tintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tahha jew ta' xi persuna ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi naqset milli thares xi wahda mill-kondizzjoni imposti mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghtha l-helsien mill-arrest taht garanzija u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Pulizija qeghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi revokat il-helsien mill-arrest u tordna ir-riarrest mill-gdid tal-imputata hawn fuq imsemmija u dan skont l-artikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali, il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputata ma' gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lil imputata **mhux hatja** ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u qed tilliberaha minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**